MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 372/2009

**Fl-atti tal-mandat *in procinctu* Nru. 284/2009 fl-ismijiet :**

**John Patrick Hayman u Mary Carmen mizzewgin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard f'ismu proprju u bhala legittimu rappresentant ta' bintu minuri Elaine.**

**-vs-**

**Edmond Espedito Mugliett u martu Maria Theresa ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-intimat Edmond Espedito Mugliett li ppresenta fl-<u>14 ta' April 2009</u> fejn, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab ir-revoka ta' digriet moghti minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-3 ta' April 2009 fejn, wara

talba mir-rikorrenti John Patrick Hayman *et* ghall-hrug ta' mandat *in procinctu*, kienet ordnata s-subbasta ta' propjeta' li huwa jippossjedi flimkien ma' martu u li taghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom.

Rat in-nota tal-istess intimat tat-23 ta' April 2009 (*fol*.5) fejn wara d-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' April 2009, iddikjara li d-dokumenti rilevanti ghal din il-procedura jinsabu fl-atti tal-mandat *de quo* u fil-process tal-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 2008.

Rat li dawn l-atti issa jinsabu allegati mal-atti ta' din il-procedura;

Rat ir-risposta tar-rikorrenti John Patrick Hayman *et* li ppresentaw fl-4 ta' Mejju 2009 fejn qalu li t-talba tal-intimat ghandha tkun michuda.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jiddikjaraw fl-udjenza quddiem din il-Qorti tal-5 ta' Mejju 2009 li bhala provi kienu qed jirrimettu ruhhom ghall-atti.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Ikkunsidrat:

Permezz tar-rikors tieghu odjern, l-intimat qieghed jattakka mandat *in procinctu* mahrug a favur tar-rikorrenti John Patrick Hayman *et*. Il-mandat *in procinctu* huwa att ezekuttiv skond Art.273(i) tal-Kap.12. Il-procedura ta' kif jistghu jigu attakkati atti ezekuttivi hija kontemplata fl-Art.281 tal-Kap.12.

Skond Art.281(1) tal-Kap.12, "*persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv* (fil-kaz odjern l-intimat Edmond Espedito Mugliett) *jew xi persuna ohra interessata tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil* ***dik il-Qorti li tkun harget dak l-att*** *fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar sew ghal kollox jew f'parti minnu*

*biss ghal raguni valida skond il-ligi*.” (sottolinear ta’ din il-Qorti)

Fir-rikors tieghu, l-intimat talab ir-revoka tal-mandat *in procinctu* fl-intier tieghu u fil-korp tar-rikors fisser ir-ragunijiet (li fil-fehma tal-intimat huma) validi skond il-ligi sabiex il-Qorti tordna revoka.

Skond Art.281(1) tal-Kap.12, it-talba ghar-revoka trid issir ***dik il-Qorti li tkun harget dak l-att***. U jaghmel hafna sens li ghandu jkun proprju hekk.

In partikolari fil-kaz tal-mandat *in procinctu* skond Art.388E tal-Kap.12 l-iskop tal-att huwa sabiex l-ordnijiet moghtija f’sentenza jigu ezegwiti jekk ma jkun jezisti ebda mezz iehor ta’ esekuzzjoni. Fir-rikors fejn jintalab il-hrug tal-mandat, il-kreditur irid jindika bic-car ir-raguni ghala jehtieg l-ordnijiet li qed jindika. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li ma hemm ebda mezz iehor ta’ esekuzzjoni u jekk tkun hekk sodisfatta, taghti dawk l-ordnijiet sabiex is-sentenza tigi ezegwita. Kif jirrizulta mill-atti tal-mandat li jinsabu allegati mal-atti ta’ din il-procedura, dan kollu sar mill-Qorti li ddecidiet favur il-hrug tal-mandat *de quo.* Allura jaghmel hafna sens li ghandha tkun **dik** il-Qorti li tiddeciedi hemmx raguni valida skond il-ligi ghal revoka *o meno* tal-istess att skond Art.281(1) tal-Kap.12.

Jirrizulta li ma kenitx din il-Qorti kif presjeduta li harget il-mandat *de quo* u ghalhekk skond Art.281(1) tal-Kap.12 ma tistax tiddeciedi t-talba tal-intimat skond kif jipprovdi is-subinciz (3) tal-istess Art.281 tal-Kap.12. Din il-Qorti tghid li din hija pregudizzjali li ghalkemm ma gietx sollevata mir-rikorrenti fir-risposta taghhom hija sollevabbli “*ex officio*” u hekk qed taghmel proprju din il-Qorti.

Ghalhekk mhix se tidhol la fil-mertu tat-talba tar-revoka tal-att lanqas fil-mertu tar-risposta ghall-istess.

**Ghar-ragunijiet premessi –**

**<u>Tastjeni</u> milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-intimat Edmond Espedito Mugliett kif dedotta fir-rikors tieghu.**

**L-ispejjes jibqghu a kariku tal-intimat Edmond Espedito Mugliett.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------